# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru 2001**

**Numru 26**

**Citaz. numru: 31/98 M1 NA**

**Joseph u Rose konjugi Vassallo**

**vs**

**Raymond Sultana**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-12 ta' Jannar 1998 fejn ippremettew:

"Illi skond skrittura datata 4 ta' Ottubru 1993 il-konvenut gie kommissjonat mill-atturi jaghmel diversi xogholijiet fuq l-injam, liema xogholijiet kellhom jitlestew sal-ahhar ta' Awissu 1994;

Illi bi skrittura ulterjuri tat-22 ta' Mejju 1995 il-konvenut obbliga ruhu li jlesti u jikkonsenja x-xogholijiet kollha pattwiti mhux aktar tard mit-30 ta' Gunju 1996 u dan taht penali ta' hamsin lira Maltija (Lm50) kull jum fin-nuqqas;

Illi sal-lum il-konvenut ghadu ma kkompletax ix-xogholijiet lilu appaltati w inoltre ohrajn ga' konsenjati ma humiex skond l-arti w is-sengha;

Illi l-atturi ga' hallsu lill-konvenut bi flus jew b'materjali ghall-istess xogholijiet is-somma ta' disat elef mitejn u tlettax-il lira Maltija, ghaxar centezmi u zewg millezmi (Lm9213.10,2);

Illi l-valur tax-xogholijiet konsenjati ma jeccediex l-ammont ta' erbat elef tmien mija u hamsa w erbghin lira Maltija (Lm4845);

Illi nonostante diversi tentattivi u promessi biex il-konvenut jikkompleta l-istess xogholijiet sfaw inutili;

TALBU li din il-Qorti:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut naqas li jottempera ruhu ma' l-obbligazzjonijiet minnu assunti bl-iskritturi tal-4 ta' Ottubru 1993 u t-22 ta' Mejju 1995;

2. tikkundanna l-konvenut biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss jezegwixxi x-xogholijiet lilu kommissjonati u jirrimedja dawk ix-xogholijiet l-ohra li ma humiex skond l-arti w is-sengha;

3. tordna wkoll li fin-nuqqas li l-konvenut ma jottemperax ruhu mal-premess u fit-terminu lilu prefiss l-atturi jigu awtorizzati li jinkarigaw lil terzi biex l-istess xogholijiet, kemm dawk inkompletati u rimedjali, isiru minnhom u a spejjes tal-konvenut;

4. tillikwida l-penali pattwita, u tikkundanna l-konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat;

5. tikkundanna l-konvenut inoltre, f'kaz li jonqos li jaghmel ix-xogholijiet kollha mehtiega kif fuq imfisser fit-terminu preskritt, illi jirrimborsa lill-attur kull differenza bejn l-ammont effettivament imhallas lilu u l-valur tax-xogholijiet ga' konsenjati.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom, il-lista tax-xhieda, w id-dokumenti minnhom esebiti.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tat-13 ta' Jannar 2000 fejn eccepixxa:

1. “Illi fl-ewwel lok l-azzjoni proposta mhux guridikament sostenibbli peress li kostruwita fuq ftehim li gew rimpjazzati bi ftehim iehor li ma ssemmiex fic-citazzjoni u kwindi l-konvenut ghandu jigi lliberat mill-osservanza;

2. Illi kwantu jirrigwarda t-tieni, it-tielet u l-hames talba, dawn ma jistghux jigu kkunsidrati aktar, peress li llum l-attur ghamel ix-xogholijiet in kwistjoni ghand terzi w allura ghandhom jigu michuda;

3. Illi hekk kien hemm xi ritard dan ma kienx dovut ghall-agir ta' l-istess attur li tul l-inkarigu kien addirittura vjolenti, aggressiv u ta' tfixkil u ostakolu ghall-istess konvenut, li allura ma ghandux iwiegeb ghal dan ir-ritard;

4. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, il-penali mitluba (i) ghandhom ikunu dawk bejn it-30 ta' Gunju 1995 sa meta effettivament ix-xoghol kollu tlesta ghand terzi; u (ii) stante li l-parti l-kbira tax-xoghol gie mahdum u kkonsenjat ghandhom jigu applikati favur il-konvenut il-principji tat-temperament stipulati f'Artikolu 1122 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat id-dikjarazzjoni guramentta tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat ix-xhieda ta' Elia Cassar li gietipprezentata mill-atturi b'affidavit b'nota tat-8 ta' Marzu 2000.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2000 il-kawza giet differita ghall-provi kollha ghas-6 ta' Ottubru 2000 f'liema data pero' l-Qorti ma kellhiex il-process a disposizzjoni taghha. Il-process gie rikostruwit (minkejja illi sussegwentement instab il-process originali) u fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2000 il-kawza giet differita ghall-provi u trattazzjoni fuq l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut ghat-2 ta' Frar 2001. Ghal xi zmien deher illi l-kawza setghet tigi rizolta bonarjament (ara

verbal tal-4 ta' April 2001). Dana pero' ma sehhx u fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2001 deher biss l-attur assistit li ddikjara li ma kellux aktar provi w il-kawza giet differita ghas-sentenza. Irid jinghad fir-rigward illi l-konvenut anqas ma kien deher ghas-seduta tas-6 ta' Gunju 2001 fejn, fin-nuqqas ta' transazzjoni, kien obbligat igib il-provi tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-pretenzjonijiet attrici ma jidhirx illi jistghu jkunu kkontestati. Jirrizulta mid-dikjarazzjoni guramentata taghhom u mix-xhieda ta' Elia Cassar illi l-konvenut gie nkarigat jaghmel diversi xogholijiet ta' mastrudaxxa mill-atturi ghaz-zewgt itfal taghhom li kienu sejrin jizzewgu. Il-konvenut ma zammx it-terminu pattwit minkejja illi l-attur Joseph Vassallo avvanzalu diversi pagamenti u sahansitra hafna mill-materjal rikjest biex isir ix-xoghol u minkejja illi z-zmien biex jitlesta x-xoghol gie estiz minn Awissu tal-1994 sat-30 ta' Gunju 1996. Dawn il-fatti anqas ma jidher li huma serjament ikkontestati mill-konvenut fl-eccezzjonijiet tieghu fejn, invece, jibbaza d-difiza tieghu fuq punti ta' dritt u ta' fatt oltre dak iddikjarat mill-attur.

Il-Qorti sejra ghalhekk tibda biex tezamina dawn l-istess eccezzjonijiet peress illi jekk dawn jirrizultaw insostenibbli t-talbiet attrici jkun jisthoqqilhom illi jintlaqghu.

L-ewwel eccezzjoni hija ghal kollox insostenibbli. Il-ftehim l-iehor tat-22 ta' Mejju 1995 huwa specifikatament imsemmi mill-atturi w infatti kopja ta' l-istess ftehim hija wkoll esebita mad-dikjarazzjoni guramentata taghhom.

Bl-istess mod hija insostenibbli t-tieni eccezzjoni. Jirrizulta mix-xhieda u mill-prospett esebit a fol. 36 tal-process illi haddiema ohra tqabbdu biss mill-atturi biex jikkompletaw xi xogholijiet li kienu fil-fatt gew ikkonsenjati mill-konvenut lill-atturi pero' mhux f'kondizzjoni *finished* u ghalhekk kien necessarju illi jitqabbdu dawn it-terzi persuni bl-iskop biss biex jigi kkompletat dan ix-xoghol pero' mhux biex huma jkomplu jesegwixxu l-appalt li kien inghata lill-konvenut. Ghall-kuntrarju t-tielet talba attrici hija proprju mmirata biex l-atturi jkunu awtorizzati mill-Qorti proprju jqabbdu terzi persuni f'kaz illi l-konvenut ma jikkompletax l-appalt fit-terminu prefiss minn din il-Qorti. Dan huwa logiku ghax jirrizulta mill-provi li l-atturi ghadhom qed jippretendu illi l-istess konvenut jonora l-obbligi

tieghu u jispicca x-xoghol li kontrattwalment kien intrabat li jaghmel.

It-tielet eccezzjoni tal-konvenut hija totalment innegata mill-provi mnejn jirrizulta illi r-ritard kien kollu dovut minhabba nuqqasijiet ta' l-istess konvenut. Ukoll eccezzjoni 4(i) ghandha tigi michuda. Kif inghad ix-xoghol ghadu ma tlestiex u qatt ma kellu jigi kkompletat minn terzi persuni u ghalhekk il-konvenut ghadu in mora fl-adempiment ta' l-obbligi kontrattwali tieghu.

Fadal biss ghalhekk li tigi ezaminata l-eccezzjoni 4(ii) ta' l-istess konvenut. Fil-fehma tal-Qorti ma hemmx dubbju illi l-konvenut waqa' fil-penali kif imfisser fl-Artikolu 1121 tal-Kodici Civili. Hija pero' wkoll il-fehma ta' din il-Qorti li dan huwa wiehed mill-kazijiet fejn, skond l-Artikolu 1122(1) ta' l-istess Kodici, il-Qorti tista' tnaqqas jew ittaffi l-istess penali u dana skond il-principji tas-sub-artikolu (2) ta' dan l-Artikolu. F'dan ir-rigward skond l-istess premessi citattivi ta' l-atturi l-valur tax-xogholijiet li gew ikkonsenjati jammontaw ghal Lm4845 li huwa pres a poco nofs il-valur ta' l-appalt u allura ghandu jkun hemm tnaqqis ta' hamsin fil-mija (50%) tal-penali dovuta.

Dawn il-konsiderazzjonijiet iwasslu lill-Qoti biex tiddeciedi din il-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut hlief kif fuq spjegat u tilqa' t-talbiet attrici billi:

1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut naqas li jottempera ruhu ma' l-obbligazzjonijiet minnu assunti bl-iskritturi tal-4 ta' Ottubru 1993 u tat-22 ta' Mejju 1995;

2. tikkundanna l-konvenut biex fi zmien tlett xhur millum jezegwixxi x-xogholijiet lilu kommissjonati u jirrimedja dawk ix-xogholijiet l-ohra li ma humiex skond l-arti w is-sengha;

3. tordna li fin-nuqqas li l-konvenut ma jottemperax ruhu mal-premess u fit-terminu lilu prefiss l-atturi huma awtorizzati li jinkarigaw lil terzi biex l-istess xogholijiet, kemm dawk inkompletati u rimedjali, isiru minnhom u dana a spejjes tal-konvenut;

4. tillikwida l-penali pattwita, u cioe' hamsin lira Maltin (Lm50) kuljum mill-1 ta' Lulju 1996 sat-12 ta' Jannar 1998 id-data tal-prezentata tac-citazzjoni odjerna, fl-ammont ta' Lm28,050, mil-liema ammont il-konvenut

huwa kkundannat ihallas hamsin fil-mija (50%) lill-atturi u cioe' ammont ta' Lm14,025 ghar-ragunijiet fuq moghtija;

5. tikkundanna inoltre lill-konvenut, f'kaz li jonqos li jaghmel ix-xogholijiet kollha mehtiega kif fuq imfisser fit-terminu preskritt, illi jirrimborsa lill-attur kull differenza bejn l-ammont effettivament imhallas lilu u l-valur tax-xogholijiet ga' konsenjati.

Dana bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza kif mitluba kontra l-konvenut.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.